MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru 347/2015

**Pulizija**

**Spettur Saviour Baldacchino**

**Vs**

**Nicholas Fenech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicholas Fenech ta' 41 sena, bin Emanuel u Antonia nee' Muscat, mwieled gewwa Pieta' fit-13 ta' Jannar 1974, residenti 20, Triq il-Qiegha, Siggiewi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 106274M;

Talli f’xi hin bejn id-9.00am u s- 1.00pm tad-19 ta’ Lulju 2011 minn gewwa BLK IV, Flat 3, Triq Hal-Luqa, Tarxien;

1) Ikkommetta serq ta’ hames mitt ewro (€500) fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Rita STanyer u jew ta’ persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeccedix is-somma ta’ €2,329.37;
2) Il-Qorti hija mitluba titratta lill-imputat bhala recidiv ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi dan ir-reat kien jirrisali ghal erba’ snin ilu, u li ghalhekk mill-fedina penali, ma tistax tirrisulta r-recidiva, ghar-raguni li ma hemm l-ebda kundanna applikabbli li tirrisali ghall-perijodu qabel ma sehh dan ir-reat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264(1), 267, 269, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------